*Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu'', qamet tqanqila tal-għaġeb. Dawk l-eluf ta' nies ħassew bħal balzmu tal-ġenna jgħaxxilhom ruħhom, imbagħad il-poplu xkatta f'għajat ta' ferħ bla tarf. Bħal meta ħuġġieġa taqbad f'daqqa, iddawwal madwarha b'dija kbira, hekk kelmiet il-Papa bil-Malti xegħlu l-qlub u xeħtu seħer li ġennen bil-hena l-qlub.*

*Tgħidli qalbi li San Pawl dak il-ħin kien fil-pjazza tal-Furjana bħal missier jitgħaxxaq bl-imħabba ta' wliedu u għall-kliem tal-Papa ma setax ma jitbissimx għax huwa kemm dam hawn, min jaf kemm-il darba qalhom u tenniehom u mbagħad qabel telaq naħseb li sellmilhom għall-aħħar darba b'dawk l-istess kelmiet ukoll.*

*Kull min huwa Malti ma setax ma jitgħaxxaqx b'dawk il-kelmiet bil-Malti, li bihom il-Papa berikhom, imma għal dawk li jħobbu l-ilsien tagħna, dawk il-kelmiet maħruġin minn fomm il-Vigarju ta' Kristu, nisslu faraġ u hena li ħadd ma jista' jfssir-hom. Għab iż-żmien u ċ-ċirkustanzi meta l-Malti ma kienx miż-mum bħala lsien xieraq għall-okkażjonijiet solenni, meta l-poplu kien juri l-għoġba tiegħu għax jara mhux għax jifhem dak li jkun isir. Il-lum l-ilsien tagħna ħa postu u sehmu fil-ħajja tagħna tant li l-Qdusija Tiegħu l-Papa nnifsu ma sabhiex bi tqila li jitkellem magħna bl-ilsien tagħna.*

*Kemm ilu li l-Malti ġie f'tiegħu kien hemm bosta okka-żjonijiet meta nies mill-aktar għoljin barranin inqdew bil-Malti biex jagħmlu kompliment lil Malta jew lill-Maltin. Jiena naf wieħed li meta ġie mressaq quddiem ir-Reġina Eliżabetta, wara li kelmitu, dik is-Suvrana sellmitlu bil-kelma ''Saħħa!'' Imma f'dik l-okkażjoni dik il-kelma Maltija ma semgħuhiex ħlief dak il-bniedem u xi erba' kbarat ta' madwar ir-Reġina. Għall-kun-trarju l-kliem tal-Papa bil-Malti kien imxandar mad-dinja kollha biex jisimgħuh il-ġnus kollha ta' din l-art.*

*Il-barka tal-Papa tagħni bil-grazzja u sseddaq lill-Insara, imma għalina tal-''Għaqda'' dawk il-kelmiet bil-Malti li qal il-Kap tal-Knisja ta' Kristu huma rahan ta' riżq u barka fiż-żmien li ġej.*



## IL-MILIED

*Ta'* C. Cassar

Tkaxkar is-serp mas-siġra
  U ġismu serraħ qalb il-frott sabiħ,
Hajjar lill-ewwel mara
  Biex taqta' u tiekol u bil żewġha ttih.

Tpaxxew għajnejha jħarsu,
  U t-togħma ħasset fuq ilsienha għaslija;
L-amar ċaħdet u kisret,
  Hasset ma' l-għera ta' ġisimha l-ħtija.

Ir-ruħ tan-nisel tagħha
  Minn dak il-ħin saret bid-dnub imtabbgħa,
U feġġet l-ewwel wegħda:
  Alla jsir bniedem, għat-tixrid ta' mħabba.

Imbierek int, ja David,
  Li għannejt lill-Mulej l-isbaħ foħrija;
Minn nislek ħarġet fergħa,
  Li saret omm u wildet lill-Messija.

Imbierka int, ja Sijon,
  Ja belt imqaddsa ta' foħrija u sebħ,
Fik isseħħet il-wegħda,
  Fik sar twelid li xerred ħajja u rebħ.

Imbierka lejla kiesħa
  Fl-eqqel tax-xitwa taħt il-għata u s-sried;
Imbierek għar imrewwaħ,
  Għaliex għajnejkom raw l-ewwel Milied.

## ERRATA-CORRIGE

Fil-ħarġa ta' ''Il-Malti'' ta' Marzu, 1960, paġna 26, fil-poeżija ''Lill-Mużika Melankonika'', fl-ewwel vers ta' l-aħħar strofa, il-kelma ''twal'' għandha tinqara ''tqal''.